# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2532

## tal-1 ta' Diċembru 2022

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 738/2010 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 615/2014, (UE) 2015/1368 u (UE) 2016/1150 applikabbli għal skemi ta' għajnuna f'ċerti setturi agrikoli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 31, 38, 54, l-Artikolu 57, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (c), l-Artikolu 60 u l-Artikolu 174(1), il-punt (d), u l-Artikolu 223(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 58(4) il-punti (a) u (b), 62(2), il-punti (a) sa (d) u (h), u l-Artikoli 63(5), 64(7), 66(4) u 106(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jistabbilixxi qafas legali ġdid għall-politika agrikola komuni (PAK) biex itejjeb it-twettiq tagħha tal-objettivi tal-Unjoni stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dak ir-Regolament jispeċifika wkoll dawn l-objettivi tal-Unjoni li għandhom jinkisbu mill-PAK u jiddefinixxi t-tipi ta' intervent kif ukoll ir-rekwiżiti komuni tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri, filwaqt li jħalli l-flessibbiltà lill-Istati Membri fit-tfassil tal-interventi li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom tal-PAK għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 jistabbilixxi t-tipi kollha ta' intervent f'ċerti setturi agrikoli msemmija fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. B'konsegwenza ta' dan, ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jikkanċella d-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, fis-settur tal-inbid, fis-settur tal-apikultura u fis-settur tal-ħops stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

([1]) ĠU L 347 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 347 20.12.2013, p. 549.
([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).
([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262).

(3) F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni adottat rekwiżiti addizzjonali skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 għat-tfassil tal-interventi li għandhom jiġu speċifikati fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jiġifieri bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 ([5]). Dak ir-Regolament Delegat jissostitwixxi r-regoli attwalment stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 738/2010 ([6]), kif ukoll fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 615/2014 ([7]), (UE) 2015/1368 ([8]), (UE) 2016/1150 ([9]) u (UE) 2017/892 ([10]).

(4) Dawk ir-Regolamenti fihom ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-verifiki, il-kontrolli, il-penali, il-garanziji fir-rigward tal-għajnuna fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, fis-settur tal-apikultura, fis-settur tal-inbid u fis-settur tal-ħops li ġew adottati abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

(5) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) jistabbilixxi regoli dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013. F'konformità mal-approċċ introdott bir-Regolament (UE) 2021/2115, għat-twettiq tal-objettivi tal-Unjoni, dak ir-Regolament iħalli wkoll aktar flessibbiltà lill-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-verifiki u l-kontrolli li għandhom jitwettqu u l-penali li għandhom jiġu imposti.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Artikoli u l-Annessi rilevanti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2023. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 5(4) u (6), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/2117 u f'konformità mal-Artikolu 104(1), il-punt (a)(ii) u (iii) tar-Regolament (UE) 2021/2116, jenħtieġ li dawn ikomplu japplikaw fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti li jkunu saru għall-operazzjonijiet implimentati qabel l-1 ta' Jannar 2023 fi ħdan l-iskema ta' għajnuna fis-settur tal-frott u l-ħxejjex u fir-rigward tal-programmi operazzjonali li jkomplu joperaw sat-tmiem tagħhom, inklużi dawk il-programmi operazzjonali li l-Istati Membri jkunu approvaw fl-2022 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 ([12]) qabel l-1 ta' Jannar 2023.

(7) Jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 615/2014 u (UE) 2015/1368 jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2023. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2021/2117, jenħtieġ li dawn ikomplu japplikaw fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti li jkunu saru għall-operazzjonijiet implimentati qabel l-1 ta' Jannar 2023 fi ħdan l-iskemi ta' għajnuna fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda u fis-settur tal-apikultura, rispettivament.

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rekwiżiti addizzjonali għal ċerti tipi ta' intervent speċifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-perjodu mill-2023 sal-2027 skont dak ir-Regolament kif ukoll regoli dwar il-proporzjon għall-istandard 1 tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 52).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 738/2010 tas- 16 ta' Awwissu 2010 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar pagamenti lil organizzazzjonijiet tal-produtturi Ġermaniżi fis-settur tal-ħops (ĠU L 216, 17.8.2010, p. 11).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 615/2014 tas-6 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-programmi ta' ħidma li jappoġġaw lis-setturi taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 95).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-għajnuna lis-settur tal-apikultura (ĠU L 211, 8.8.2015, p. 9).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1150 tal-15 ta' April 2016 li jistabbilixxi r-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-każ ta' programmi nazzjonali ta' appoġġ fis-settur tal-inbid (ĠU L 190, 15.7.2016, p. 23).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 tat-13 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 57).

([11]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187).

([12]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 tat-13 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-penali li jridu jiġu applikati f'dawk is-setturi u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 4).

(8) F'konformità mal-Artikolu 5(7) tar-Regolament (UE) 2021/2117, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150 jitħassar b'effett mis-16 ta' Ottubru 2023 u jkompli japplika fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti li jkunu saru għall-operazzjonijiet implimentati qabel is-16 ta' Ottubru 2023 fi ħdan il-programmi ta' appoġġ fis-settur tal-inbid u fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti li jkunu saru għall-operazzjonijiet implimentati skont l-Artikoli 46 u 50 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 qabel is-16 ta' Ottubru 2025, diment li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(7) tar-Regolament (UE) 2021/2117.

(9) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 738/2010 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2021/2117, jenħtieġ li dawn ikomplu japplikaw fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti li jkunu saru għall-operazzjonijiet implimentati qabel l-1 ta' Jannar 2023 fi ħdan l-iskemi ta' għajnuna fis-settur tal-ħops.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 u dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

L-Artikoli 2 sa 21 u l-Artikoli 25 sa 35 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 u l-Annessi I sa VI ta' dak ir-Regolament jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

Madankollu, dawk l-Artikoli u l-Annessi mħassra għandhom ikomplu japplikaw:

(a) fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti li jkunu saru għal operazzjonijiet implimentati qabel l-1 ta' Jannar 2023 fi ħdan l-iskema ta' għajnuna msemmija fl-Artikoli 32 sa 38 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(b) fir-rigward tal-programmi operazzjonali li jkomplu joperaw sat-tmiem tagħhom skont il-kundizzjonijiet applikabbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 f'konformità mal-Artikolu 5(6), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/2117 jew li l-Istati Membri jkunu approvaw f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mar-Regolament (UE) 2017/891 qabel l-1 ta' Jannar 2023.

*Artikolu 2*

**Tħassir tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 615/2014, (UE) 2015/1368, (UE) 2016/1150 u r-Regolament (UE) Nru 738/2010 u dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

1. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 615/2014 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

Madankollu, għandu jkompli japplika fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti li jkunu saru għal operazzjonijiet implimentati qabel l-1 ta' Jannar 2023 fi ħdan l-iskema ta' għajnuna msemmija fl-Artikoli 29, 30 u 31 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

2. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

Madankollu, għandu jkompli japplika fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti li jkunu saru għal operazzjonijiet implimentati qabel l-1 ta' Jannar 2023 fi ħdan l-iskema ta' għajnuna msemmija fl-Artikoli 55, 56 u 57 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

3. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1150 jitħassar b'effett mis-16 ta' Ottubru 2023.

Madankollu, għandu jkompli japplika fir-rigward ta':

(a) in-nefqa mġarrba u l-pagamenti li jkunu saru għal operazzjonijiet implimentati skont dak ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 qabel is-16 ta' Ottubru 2023 fi ħdan l-iskema ta' għajnuna msemmija fl-Artikoli 39 sa 52 ta' dak ir-Regolament;

(b) in-nefqa mġarrba u l-pagamenti li jkunu saru għal operazzjonijiet implimentati skont l-Artikoli 46 u 50 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 qabel is-16 ta' Ottubru 2025, dment li sal-15 ta' Ottubru 2023 tali operazzjonijiet jkunu ġew parzjalment implimentati u n-nefqa mġarrba tammonta għal mill-anqas 30 % tan-nefqa totali ppjanata u li tali operazzjonijiet jkunu ġew implimentati bis-sħiħ sal-15 ta' Ottubru 2025.

4. Ir-Regolament (UE) Nru 738/2010 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

Madankollu, għandu jkompli japplika fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti li jkunu saru qabel l-1 ta' Jannar 2023 fi ħdan l-iskema ta' għajnuna msemmija fl-Artikoli 58, 59 u 60 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN